StudentBounty.com

Rotta 3

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

**IT- TIENI SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** _______________

**1. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet**



Il-kappella ta' Ħal Xluq hija wirt ġej mill-Medjuevu.

1.1 Semmi żewġ kappelli jew knejjes żgħar oħra li ġejjin mill-Medjuevu.

______________________ ____________________ (2)

1.2 Għaliex taħseb li l-knejjes tal-Medjuevu kienu ferm iżgħar mill-knejjes li nbnew wara?

______________________________________________

______________________________________________(2)

1.3 Bħal ħafna rħula oħra tal-Medjuevu f'Ħal Xluq ma baqgħux jgħixu nies. Semmi żewġt irħula oħra minn dak iż-żmien li ġralhom l-istess.

____________________________________ ____________________________________(2)

1.4 X'ġara minn nies li kienu jgħixu f'dawn l-irħula żgħar?

______________________________________________(2)

**(Total: 8 marki)**

**2. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**

*"Il-kavallier jagħmel dan il-ġurament billi jgħid: 'Sinjur, jien insir il-qaddej tiegħek u għall-futur inwiegħdek lealtà bħala sidi quddiem in-nies kollha fil-ħajja sal-mewt, u b'hekk nagħti s-servizz li jitlob minni l-fewdu u b'hekk tista' tistrieħ fuqi ġaladarba int is-sid...'*
*Is-sid għandu jwieġeb: 'U jien nirċievi lilek bħala r-raġel magħżul tiegħi u nagħtik bewsa bħala s-sinjal li nafdak u nagħtik ukoll idi l-leminija bħalma hi d-drawwa...'"*

2.1 Għal liema ċerimonja qiegħed jirreferi s-sors li għadek kif qrajt?

______________________________________________(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2.2 X'kienet tissejjaħ l-art mogħtija lis-sid fewdatarju?

_______________________________________________________________________(1)

2.3 Ngħidu li fil-Medjuevu, il-ħajja kienet qisha piramida. Għaliex inxebbhu lis-soċjetà tal-Medjuevu b'dan il-mod?

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________(2)

2.4 Ikteb paragrafu li fih tispjega l-punti prinċipali fil-ġrajja ta' Gonsalvo Monroi u l-irvell tal-Maltin kontrieh.

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________ (4)

2.5 Il-Maltin xtaqu li jiffurmaw parti mir-renju tas-sultan. Għaliex kien aktar jaqblilhom li jsir hekk milli li jkunu taħt sid fewdatarju?

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________ (2)

2.6 Is-sid fewdatarju kien jipproteġi l-artijiet tiegħu u r-raħħala ta' ġo fihom. Semmi oġġett wieħed li r-raħħala kienu obbligati jagħmlulu bħala tpattija.

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________ (1)

**(Total: 12-il marka)**

**3. Ħares lejn l-istampa u wieġeb.**



F'din l-istampa hawn suldat Normann.

3.1 Semmi tliet armi li kien juża' kemm biex jattakka jew biex jiddefendi ruħu dan is-suldat Normann.

_______________________________________________________(3)

3.2 Minn liema post kienu ġejjin in-Normanni?

_______________________________________________________(1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3.3 Semmi żewġ postijiet li fihom infirxu n-Normanni.

_______________________________________________________________________(2)

3.1 Wieħed mis-sorsi primarji ta' dawk iż-żminijiet huwa ċ-ċensiment ta' Gilbertu. X'juri dan iċ-ċensiment?

_______________________________________________________________________ (2)

3.1 Fl-1091 in-Normanni waslu Malta u rebħu lill-Musulmani fil-Gżejjer Maltin. Min kien il-mexxej tan-Normanni f'din il-kampanja?

_______________________________________________________________________(1)

3.1 Wara l-miġja tan-Normanni kien għad baqa' xi Għarab jgħixu hawn. Kif nafu dan?

_______________________________________________________________________(1)

**(Total: 10 marki)**

**4 Ikteb jekk hux VERU jew FALZ.**

4.1. Il-Vikingi kienu jgħixu fl-Iskandinavja. _______________

4.2. Valletta kienet il-belt kapitali ta' Malta fi żmien l-Aragoniżi. ______________

4.3. Il-*Castrum Maris* kien jinsab fil-Birgu. ________________

4.4. Il-*Castrum Maris* serva bħala dar għall-Kastellan fil-Medjuevu. ________________

4.5. Palazzo Santa Sofia jinsab fl-Imdina. _________________

4.6. Il-kappella ta' Ħal Millieri nbniet fi żmien il-Kavallieri. ______________

4.7. Affresk hija tpinġija direttament fuq il-ħajt. ______________

4.8. In-Normanni kienu ħbieb u alleati tal-Papa. _______________

4.9. Qabel ma ġew Malta, il-Kavallieri ta' San Ġwann kienu f'Sardenja. ____________

4.10. Palazzo Falzon huwa magħruf ukoll bħala d-Dar Normanna. _______________

**(Total: 10 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**5. Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*Il-ħajja fil-Medjuevu kienet waħda iebsa ħafna speċjalment għan-nies li kellhom ħajjithom iddur mal-agrikoltura. Il-biedja tiddependi mit-temp li jista' jeqred l-uċuh tar-raba'. Barra minn hekk, in-nies tal-gżejjer kienu jibżgħu mill-attakki tal-furbani li kienu jħallu tħarbit kbir warajhom. Il-mediċina ma kinitx avvanzata u mhux l-ewwel darba li l-gżejjer tagħna kienu jinħakmu minn xi marda qerrieda bħall-pesta li kienet tħalli mijiet ta' nies mejta.*

5.1 Mis-silta semmi **tliet** beżgħat li kienu jħabbtu wiċċhom magħhom il-Maltin li kienu jgħixu fil-Medjuevu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________ (3)

5.2 Semmi **tliet** prodotti tar-raba' li kienu jħallu qligħ għall-Maltin fil-Medjuevu.

_______________________ _______________________ ______________________ (3)

5.3 Jingħad li Federiku II għaġġeb lid-dinja ta' dak iż-żmien. Ikteb paragrafu ta' madwar ħames sentenzi fuqu u għid x'użu kien jagħmel mill-Gżejjer Maltin.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________ (5)

5.4 X'kienu l-fratellanzi tas-snajja'?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________ (2)

5.5 Fil-Medjuevu ħafna ma kinux jafu jiktbu u jaqraw. Għaliex?

____________________________________________________________________ (1)

5.6 Min beda jgħin l-iżvilupp tal-edukazzjoni fiż-Żminijiet tan-Nofs?

____________________________________________________________________ (2)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5.7 Għaliex taħseb li l-Birgu kien f'żona importanti ħafna fil-Medjuevu?

______________________________________________________________________(2)

5.8 X'kienet id-Dejma?

______________________________________________________________________(1)

5.9 Għaliex id-Dejma kienet ta' ġid għall-Maltin?

______________________________________________________________________(1)

**(Total: 20 marka)**

**6. Ħares lejn l-istampa u wieġeb.**



Din hija stampa tal-Kruċjati.

6.1 Minn xiex tagħraf is-suldati Musulmani mis-suldati Nsara?

________________________________________

________________________________________ (1)

6.2 Għaliex il-Palestina hija magħrufa bħala l-Art Imqaddsa?

______________________________________________________________________ (2)

6.3 Għaliex il-pellegrini kienu jmorru fl-Art Imqaddsa?

______________________________________________________________________ (1)

6.4 Semmi żewġ perikli li kienu jħabbtu wiċċhom magħhom il-pellegrini tul il-vjaġġ tagħhom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

6.5. Liema kienet l-iktar belt importanti fil-Palestina?

______________________________________________________________________ (1)

6.6. X'ġara minn din il-belt matul l-ewwel Kruċjata?

______________________________________________________________________ (2)

6.7 Semmi mexxej militari kbir Musulman li ġġieled fil-Kruċjati.

______________________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**7. Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*Fi żmien l-Aragoniżi, il-Gżejjer Maltin kienu jitmexxew b'sistema komuni ħafna f'postijiet oħra fl-Ewropa speċjalment fl-Italja t'isfel. L-Università kienet magħmula mill-Ħakem u erba' ġurati oħra magħżula mill-Komun. Il-Komun, jew il-Kunsill Popolari, kien jiġi magħżul min-nies ta' kull raħal u belt biex jieħu ħsieb it-tmexxija ta' dik il-lokalità.*

7.1 F'liema post kienet tiltaqa' l-Università?

________________________________________________________________________ (1)

7.2 Meta kienet issir l-elezzjoni għall-Komun?

________________________________________________________________________ (1)

7.3 Min kien jista' jieħu sehem f'din l-elezzjoni?

________________________________________________________________________ (2)

7.4 Semmi żewġ affarijiet li għalihom il-Komun kien responsabbli.

__________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (2)

7.5. Semmi żewġ uffiċjali tal-gvern fil-Medjuevu.

_______________________________ _______________________________ (2)

7.6. X'kienu d-dmirijiet ta' kull wieħed miż-żewġ uffiċjali li semmejt?

__________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

**8. Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb paragrafu ta' madwar 10 sentenzi fuq kull wieħed.**

8.1. Ir-Rinaxximent fl-Ewropa.

8.2. Is-sejbiet ta' artijiet ġodda.

8.3. Martin Luteru u r-Riforma Protestanta.

8.4. Malta fl-Assedju l-Kbir.

**(10 Marki x 2 = 20 marka)**

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers